KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Ħdax (11)***

***It-Tlieta, 14 ta' Jannar, 2020***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:00pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

IL-VICI SINDKU CHRISTINE DALLI

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

**11.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

11.1.1 Tressqet ittra ta' apologija mill-Vici Sindku Christine Dalli. Il-Kunsill approva.

**11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

11.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 9 li nzammet nhar il-Hamis, 5 ta' Dicembru, 2019.

11.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 9 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

11.2.3 **Mozzjoni 11-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 9.

Proponent: Il-Kunsilier Andreas Gatt

Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

Il-Minuti Numru 9 gew approvati unanimament.

11.2.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 10 li nzammet nhar il-Gimgha, 20 ta' Dicembru, 2019.

11.2.5 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 10 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

11.2.6 **Mozzjoni 11-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 10

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

Il-Minuti Numru 10 gew approvati unanimament.

**11.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 11 (08) – Dicembru 2019***

11.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 11(08) biċ-ċekkijiet numru 6829 sa 6876 li tammonta €116,303.10

11.3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat ukoll l-Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus tammonta ghal €65 fis-sena.

11.3.3 Is-Segretarju Ezekuttiv prezentat ukoll il-Polza tal-Assigurazzjoni tas-Sahha. Il-membri prezenti ikkonfermaw li jixtiequ jissiehbu f'din il-polza.

11.3.4 **Mozzjoni 11-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta' l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(08) bl-ammont ta' €52,292.06 kif ukoll il-hlas imsemmi f'11.3.2 u f'11.3.3

Proponent: Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Kunsillier Andreas Gatt

L-iSkeda ta' Pagamenti Numru 09(08) giet approvata unanimament.

**11.4 <u>*Performance Bonus* tal-Haddiema klerikali</u>**

11.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Appraisal Report* tal-Haddiema Klerikali.

11.4.2 Wara diskussjoni, l-Kunsill iddecieda li s-Sinjura D.Mallia tinghata 6% bhala *performance bonus* ghas-sena 2019.

11.4.3 Wara diskussjoni l-Kunsill iddecieda li s-Sur S.Spiteri jinghata 6% bhala *performance bonus* ghas-sena 2019.

**11.5 <u>*Performance Bonus* tas-Segretarju Ezekuttiv</u>**

11.5.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-*Appraisal Report* tas-Segretarju Ezekuttiv.

11.5.2 Wara diskussjoni, l-Kunsill iddecieda li s-Sinjura F.Cutajar tinghata 10% bhala *performance bonus* ghas-sena 2020.

**11.6 <u>Korrispondenza</u>**

11.6.1 Tressaq ilment rigward l-iskips ta' l-istabbilimenti tal-ikel fil-Bypass. Il-Kunsill qabel li tinbaghat ittra sabiex inehhu l-iskips li ghandhom.

.

11.6.2 Tressqet korrispondenza dwar il-Laqgha tar-Regjun fejn is-Sindku informa li ma jistax jattendi. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li se ssaqsi il-Vici Sindku jekk tistax tattendi.

11.6.3 Tressqet kwotazzjoni sabiex isiru l-bibien u t-twieqi tat-Turretta skond kif ippropona il-Perit fil-Bill of Quantities. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

11.6.4 Tressqet kwotazzjoni sabiex isir plakka tal-irham fuq il-funtana fil-bandli. L-ispiza hija ta' €2660 minghajr VAT. Il-Kunsill qabel li ssir.

*F'dan l-istadju tal-laqgha attend ail-Kunsillier Keith Fenech (18:15)*

11.6.5 Tressqet kwotazzjoni sabiex isiru xi xoghlijiet fejn il-Klabb tal-Bocci. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur sabiex jaqsam ix-xoghlijiet li hemm bzonn isiru min-naha tal-Kunsill u l-parti li jrid isir min-naha tal-klabb tal-bocci.

11.6.6 Is-Segretarju Ezekuttiv tkellmet dwar it-tender tal-knis fejn qalet li ma kienx hemm appelli u ghaldaqstant il-kuntrattur jista jibda mill-1 ta' Frar 2020.

**11.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

11.7.1 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bzonn tizdied grada ohra fil-bandli l-gdid. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

11.7.2 Is-Sindku Darren Abela qal li se jitlob lil Perit sabiex jaghmel il-Bill of Quantities tal-progett tad-dahla ta' Hal Ghaxaq.

11.7.3 Is-Sindku Darren Abela ressaq proposta sabiex is-central strip fi Triq il-Hareb inkabbruha. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dik kienet ga ikbar u TM kien cekknuha. Ghaldaqstant il-Kunsill qabel li tibqa kif inhi u nirrifriskaw l-istop sign.

11.7.4 Is-Sindku Darren Abela ressaq talba sabiex Triq il-Gudja issir *one way*. Il-Kunsill ma qabilx. Is-Sindku qal li se jkun qed jibghat lil TM sabiex ninghataw risposta fuq trasport pubbliku.

11.7.5 Is-Sindku Darren Abela qal li se jkun qieghed jiltaqa' ma l-organizzatur tal-Carnival Fun Run u kollox se jsir bhas-sena l-ohra.

**11.8 Mistoqsijiet u Twegibiet tal-Kunsillieri**

11.8.1 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li ircieviet hafna lmenti dwar il-presepju. Hija pproponiet li ghandu jickien. Infurmat ukoll li hemm xi cangaturi mkissrin quddiem il-kazin tal-Labour.

11.8.2 Il-Kunsillera Rose Agius staqsiet dwar kemm se jinqalghu sigar biex isir il-progett ta' fuq Santu Rokku. Is-Sindku Darren Abela qal li sabiex isir il-bini tal-garaxx bilfors iridu jinqalghu is-sigar imma se jinzerghu ohrajn minflok.

11.8.3 Il-Kunsillier Andreas Gatt qal li se jkun qieghed jahdem fuq application biex in-nies ikunu jistghu jressqu l-ilmenti fuqha. Il-Kunsill approva.

11.8.4 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq proposta sabiex isir progett fejn it-tabelli jigu mixghula b'sistema solar sabiex jidhru sewwa matul il-lejl. Il-Kunsill qabel li ghalissa jaghmel tabelli.

11.8.5 Il-Kunsillier Andreas Gatt se jkun qieghed jorganizza zumba classes kull nhar ta' Sibt bejn 8.30am u d-9.30am. Ghandu jipprezenta kwotazzjoni fil-laqghat li gejjin.

11.8.6 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq proposta sabiex nippartecipaw fl-Achievers Scheme ghal fond ta' €3000. Huwa ppropona sabiex isir festival tal-isports fi zmien Jum Hal Ghaxaq u dakinhar jingieb ukoll l-bank tad-demm. Il-Kunsill ma sab ebda oggezzjoni.

11.8.7 Il-Kunsillier Andreas Gatt staqsa dwar il-laqgha mal-LESA. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegbet li se terga tibghat korrispondenza ohra dwarha.

11.8.8 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li jigu rrangati l-hitan tal-ghelieqi fi Triq il-Belt Valletta. Is-Sindku Darren Abela qal li meta kien qed jaghmel progett sabiex jtella' l-hitan, il-PA kienet waqfitu minhabba li ghal kull hajt trid il-permess tas-sid u permessi ohrajn kif ukoll hlas ghal dawn il-permessi.

11.8.9 Il-Kunsillier Andreas Gatt ressaq talba sabiex jizdied parkegg iehor ghall-persuni b'dizabilita' fi Triq San Filippu. Is-Sindku Darren Abela wiegeb li meta l-Kunsill kien ghamel talba, it-TM kienet wiegbet li fit-tali triq diga hemm zewg parkeggi ohra ghal-persuni b'dizabilita'. Il-Kunsill qabel li jerga' jibghat lil TM li hemm il-htiega ghall-parkegg iehor u li l-Kunsill ma jsib ebda oggezzjoni.

11.8.10 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar l-applikazzjoni tal-GAL Xlokk u ppropona li tinhareg il-kwotazzjoni ghar-restawr tal-istatwa ta' Santu Rokku.

11.8.11 Il-Kunsillier Keith Fenech tkellem dwar il-Karnival fejn qal li ghal din is-sena kien ghaddej b'diskussjonijiet sabiex tigi organizzata attivita' is-sibt tal-Karnival. Izda d-diskussjonijiet jidher li mhux se jilhqu jigu konkluzi ghal din is-sena. Huwa zied jghid li ghal din is-sena se jkun qed jitlob lil baned lokali sabiex wahda minnhom iddoqq il-Gimgha filghodu fil-Karnival tat-tfal. Rigward l-incentiv ghal min se jkun qieghed jaghmel karru se jibqa bhas-sena l-ohra, dak ta' massimu ta' €200.

11.8.12 Il-Kunsillier Andreas Gatt ppropona li fuq il-bankina tad-dhul fi Vjal il-Labour hemm bzonn isiru poles minhabba li l-vannijiet xorta qed jitilghu fuq il-bankina. Il-Kunsill approva.

**11.9 <u>Mozzjonijiet</u>**

11.9.1 Annessi mal-Minuti

**11.10 <u>Tmiem tal-laqgha u d-data tas-seduta li jmiss</u>**

11.10.1 Il-Laqgha li jmiss giet aggornata ghal nhar il-Hamis 13 ta' Frar fil-5:00pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

________________________
Fiona Cutajar
Segretarju Ezekuttiv

________________________
ikkonfermati
Darren Abela
Sindku

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 11**

**Mozzjoni Ref:** 11-01

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati l-Minuti tal-Kunsill Nru. 9

**Andreas Gatt**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 14 ta' Jannar 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 11**

**Mozzjoni Ref:** 11-02

**Mozzjoni:**

Biex jigu approvati il-Minuti tal-Laqgha Numru 10

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 14 ta' Jannar 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 11**

**Mozzjoni Ref:** 11-03

**Mozzjoni:**

Biex tigi approvata l-Iskeda ta' Pagamenti Numru 11(08)

**Rose Agius**
**Proponent**

**Andreas Gatt**
**Sekondant**

**Data:** 14 ta' Jannar 2020

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**